# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Ottubru, 2016

**Talba Nru: 219/2016/VG**

**Ballut Blocks Services Limited**

**Vs**

**Daniel Orsini ezercenti l-kummerc A to Z Yacht Needs**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-8 ta' Gunju, 2016** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' erba' mija tnejn u sebghin euro [€472] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Is-somma ta' erba' mija u tnejn u sebghin ewro (€472) mitluba b'dan l-avviz tirraprezenta bilanc dovut mil-konvenut lis-socjeta attrici ghal Concrete Blocks ikkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta attrici, fuq inkarigu tal-istess konvenut, u dan skond ma jirrizulta mill-istatement hawn anness (Dok. BBS1) u mid-delivery notes relattivi (Dok. BBS2).

Illi minkejja id-diversi interpellazzjonijiet, inkluz permezz ta' ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Art 166A tal-Kap 12, datata 18 ta' Dicembru 2015, l-konvenut baqa inadempjenti u ma hallasx.

Ghaldaqstant kellhom jittiehdu dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Dicembru 2015 u bl-imghax legali mit-29 ta' Marzu 2015 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li rapprezentanti taghha huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-18 ta' Gunju, 2016 u li baqa ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Etienne Zammit, Financial Controller tas-socjeta rikorrenti, li kkonferma li l-intimat kien ghad fadallu jhallas l-ammont ta' €472.

Ra li Dr. David Bonello ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' €472 rapprezentanti bilanc dovut mill-intimat ghal

*concrete blocks* ikkonsenjati lilu minnha, fuq inkarigu tieghu u dan skond ma jirrizulta mill-istatement anness mat-Talba (Dok. BBS1) u mid-delivery notes relattivi (Dok. BBS2).

Ikkunsidra;

2. Etienne Zammit, Financial Controller tas-socjeta rikorrenti kkonferma bil-gurament tieghu llum stess li l-ammont ta' €472 ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew

le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fit-18 ta' Gunju, 2016 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnha ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri mis-socjeta rikorrenti, huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' erba' mija tnejn u sebghin euro [€472] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-29 ta' Marzu, 2014, data tal-konsenja tal-*concrete blocks* (fol. 5), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**